MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2011

Numru. 1211/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**KONTRA**

**PIERRE CASSAR ta' 36 sena, iben John, imwieled tal-Pieta' nhar it-12.03.1975, residenti fil-fond Marjohn, Triq il-Labour, Marsaxlokk, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 163875M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Pierre Cassar** li gie akkuzat talli:

Gewwa Birzebbuga, nhar it-12 ta' Novembru, 2010, ghall-habta tas-6 ta' fil-ghaxija, ikkommetta serq ta' vettura bin-

numru tar-registrazzjoni AAE 156, kif ukoll diversi oggetti u flus kontanti, liema serq jeccedi l-elfejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu, u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, li sar ghad-detriment ta' S Aquilina;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi €116.47 fuq l-imsemmija vettura u vetturi ohra;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess tieghu ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, u dan minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu kienu jinsabu ghandu;

U aktar talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, lok, u fi bnadi ohra, f'dawn il-Gzejjer, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAE 156 tal-ghamla Ford minghajr ma kien kopert b'licenzja tas-sewqan u polza tas-assigurazzjoni ghar-riskji tat-terzi persuni;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, saq vettura AAE 156 b'manjiera perikoluza u traskurata;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, saq vettura AAE 156 jew kellu l-kontroll ta' motor car jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor, meta ma kienx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi;

U aktar talli naqas li jhares wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)

nhar l-4 ta' Lulju, 2010, li bih huwa nghata l-Helsien mill-Arrest taht garanzija.

Il-Qorti hi mitluba sabiex is-somma ta' €10,000 liema somma kienet bhala garanzija personali fil-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr J Padovani LL.D., id-digriet li gie moghti nhar l-4 ta' Lulju, 2010, tigi mghoddija lill-Gvern ta' Malta, u dan kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Gvern ta' Malta, u l-Artikolu 16(1) tal-Att Numru 16/2006;

U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe':

a. Fl-Artikolu 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikolu 286 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikolu 15(1)(a), (2), (3), 15A(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikolu 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-Artikoli 17, 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat, moqrija l-Artikoli, ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza, senjalament ix-xhieda prodotti, u semghet ukoll id-debita trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza ssib il-bidu taghha meta giet misruqa l-vettura proprjeta' ta' S Aquilina. Id-derubat segwa l-istess vettura misruqa, din l-istess vettura spicat misjuqa fuq iz-zuntier tal-Knisja taz-Zejtun. Hawn il-parte leza gera wara

l-istess malvivent – qabdu. Nel frattempt martu cemplet lill-pulizija li waslu fuq il-post u hadu f'idejhom lill-imputat, dan ghax fil-fatt gie maghruf mill-istess pulizija li xehdu quddiem din il-Qorti. Dawn fil-fatt xehdu li kienu hadu lill-imputat minn idejn il-parte leza. Minghandu anke elevaw certu ghodda bhal turnavit twil forma ta' lieva, kif ukoll mus li kien go pouch. Aktar tard l-istess imputat wera lill-pulizija fejn kien rema certu oggetti (bhal cwievet) li kien rema wara li sab l-istess fil-van.

Ikkunsidrat:

Illi certament, ghalkemm l-imputat ma giex maghruf mill-parte leza, gie maqbud mill-pulizija li waslu fuq il-post. Tqis il-Qorti fil-fatt illi l-ewwel akkuza ta' serq bil-valur kif stabbiliti mid-dokumenti a folio 17 – 19 giet pruvata, dan wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, u 278 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tqis ukoll pruvata t-tieni akkuza ta' hsara volontarja, dan wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tqis illi t-tielet akkuza hija wahda alternattiva u ghalhekk qed jigi liberat minnha.

Tilliberah ukoll mir-raba' akkuza in kwantu ebda kundanna ta' serq quo sentenza ma giet ezebita.

L-imputat Pierre Cassar qed jigi wkoll liberat mill-hames akkuza, in kwantu mhux pruvata.

Qieghda ssibu hati tas-sitt akkuza, wara li rat l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qed jigi liberat mis-seba' akkuza in kwantu mhix pruvata.

Rat ukoll il-kundizzjonijiet tal-Liberta' Provizorja ezebiti, li pero mhumiex qed jaghtu ebda ndikazzjoni ghal liema Pierre Cassar qed taghmel referenza l-istess sentenza.

Konsegwentemenet, dwar il-piena rat il-fedina penali ta’ l-imputat, u qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta’ sena u nofs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------